Katina Karmelitana

Nru. 18 Terzjarji Karmelitani Żurrieq Sett. – Diċembru 2012

# Omm u Iben

Marija għandha relazzjoni speċjali ma' uliedha, is-saċerdoti. Il-ħidma u l-preżenza materna tagħha hi magħquda mal-ħajja tal-qassis. Sa minn taħt is-salib, hemm relazzjoni speċjali bejn Omm Ġesu' u l-ulied magħżula, is-saċerdoti. Il-Papa Ġwanni Pawlu II stess kien ikkonsagra lilu nnifsu, is-saċerdozju tiegħu, il-Knisja u d-dinja kollha lill-Qalb Immakulata tagħha. Kien hu stess, speċjalment fl-Udjenzi tas-sena 1993, fejn irrifletta fuq l-għaqda bejn l-maternita' tagħha u s-saċerdozju ta' Ġesu'.

## Omm li tgħallem lill-Iben



Bħalha Omm, Marija, għandha prijorita' li tgħallem kull saċerdot, għax hi mill-ewwel mument kienet interessata mill-'formazzjoni morali' ta' Ġesu'. Għalhekk bl-istess mod, illum, hi interressata f'kull vokazzjoni, fit-triq li jibda kull seminarista u fl-izvilupp spiritwali tal-qassis. Marija kienet imsejħa biex tgħallem s-Saċerdot Etern, li sar doċli quddiem l-awtorita' ta' ommu.

Iżda taħt is-salib, Marija issib l-Omm ta' dawn l-ulied, dawn is-saċerdoti. Taħt is-salib ma' Binha tgħid "iva" għar-rieda tal-Missier biex aħna lkoll insalvaw. Għalhekk, qabel ma mar ħdejn l-Missier, Ġesu' jħalli lill-Ommu biex San Ġwann u kull saċerdot ikun taħt il-kura tagħha.

## L-Iben obbligat lejn Ommu

Wieħed mill-mandati tal-Komunita' Nisranija, hi li titlob biex kull saċerdot isib f'Marija l-qawwa u l-konsolazzjoni. Mingħajrha l-ħajja tas-saċerdot mhiex sħiħa,





hemm xi ħaġa nieqsa. Ġwanni Pawlu II meta kellem grupp ta' saċerdoti qalilhom: "Id-devozzjoni lejn Marija hi ndispensabbli biex wieħed jagħti lilu nnifsu mingħajr riservi għal Kristu u għall-ħidma tas-salvazzjoni. Aktar ma' ħajti hi madwar Ġesu' li jsalva, aktar nintelaq f'idejn Marija".

Din l-Omm hi għal kull saċerdot l-Omm li twassalhom għand Kristu u bħal Ġesu', is-saċerdot irid jidħol fl-iskola ta' Marija, irid jitgħallem minn Marija, irid iħossu obbligat lejn Marija. Minn din il-"mara qawwija" li qalet "hawn jien", is-saċerdot jirċievi l-kuraġġ biex bħal binha jsir vittma biex l-Insara jsalvaw.

Il-qassis iddeċieda li ma jkollux familja tiegħu, karriera, pjanijiet tiegħu għall-ħajja; iddeċieda li jsir ħaruf jgħix qalb l-persekuzzjoni, l-ingratitudni, il-kalunji u l-umiljazzjoni. Dan mhu xejn speċjali, għax Ġesu' saċerdot diġa għadda minnhom. Is-saċerdot jimxi biss ma' Marija viċin, it-triq ta' l-imgħallem. Hi timxi magħna, anzi timxi qabilna fil-pellegrinaġġ tal-fidi (Lumen Gentium, 61).

## X'nitolbu lill-Marija, Omm is-Saċerdoti?

Nitolbu lill-Marija, biex is-saċerdoti tagħna kuljum bħalha jgħidu "iva", billi jkantaw kuljum il-"magnificat" biex b'hekk ikunu ġeneruzi f'għotja, biex ikunu puri fid-don taċ-ċelibat, biex ikunu jaħarqu bil-ħeġġa għall-ħniena t'Alla.

Wara tant snin nistgħu nifhmu għaliex is-saċerdozju ta' Ġwanni Pawlu II ħalla tant frott. Għax kien saċerdozju ta' iben f'idejn Ommu. Kien kollu għaliha – Totus tuus! Wara ftit gimgħat saċerdot qed nifhem aktar li b'Ommi, s-saċerdozju tiegħi ikun aktar wieħed ta' iben, aktar jixbaħ dak is-saċerdozju ġdid li Ġesu' offra lill-bnedmin kollha.

**Dun Dillon Bugeja**

## Messaġġ mis-Segretarja

Għeżież Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu,

Wara l-festa kbira u sabiħa li għamilna ad unur il-Madonna tal-Karmnu, reġa wasal iż-żmien biex nibdew il-laqgħat u l-attivitajiet tagħna. Nisperaw li naraw numru kbir għall-eżerċizzi spiritwali u l-laqgħat. Bħala Terzjarji devoti tal-Madonna għandna d-dmir li nieħdu sehem f'dawn l-attivitajiet kif ukoll fl-**irtiri**. Saħħa.

Il-Madonna tberikna.

**Carmen Farrugia**

## Programm għax-xhur Settembru – Diċembru

**Laqgħat Marjani**

**L-Erbgħa 3 t' Ottubru 2012**
**L-Erbgħa 7 ta' Novembru 2012**
**L-Erbgħa 5 ta' Diċembru 2012**

Il-laqgħat jibdew fil-5pm bir-reċita tar-rużarju u wara jkun hemm il-Quddiesa bil-konferenza minn P. Hermann Duncan O.Carm.

**Festa tal-Madonna ta' Fatima f'Santa Venera**

It-Terzjarji u Devoti tal-Madonna tal-Karmnu huma mistiedna biex jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu f'Santa Venera **nhar il-Ħadd 14 t'Ottubru 2012**. Il-private titlaq mill-venda fl-4:15pm.

**Kungress Nazzjonali tat-Terzjarji**

Il-Kungress Nazzjonali ser isir f'Ottubru. Id-data, ħin u post jitħabbru iktar tard.



Terzjarji Karmelitani Żurrieq

**Eżerċizzi Spiritwali**

**Data: 12, 13 u 14 ta' Novembru 2012**
**Ħin: 5pm**
**Post: Ċentru Pastorali**

Kelliem : P. Victor Paul Farrugia O.Carm.

L-Erbgħa 14 ta' Novembru issir il-Quddiesa.

**Irtir ta' Ġurnata**

Irtir ta' ġurnata għand l-Ulied Marija Ewkaristika f'Ħaż-Żebbuġ nhar it-Tlieta 30 t' Ottubru. Ser imexxi l-irtir P. Alex Scerri O.Carm. Il-private titlaq minn ħdejn l-iskola fit-8:45am. Il-ħlas, inkluż l-ikel ta' nofsinhar, huwa ta' €16.

**Nofs ta' nhar Irtir**

Nhar it-Tlieta 11 ta' Diċembru ser isir nofs ta' nhar irtir fl-Oratorju San Luqa r-Rabat. Il-private titlaq minn ħdejn l-iskola fit-8:45am. Ħlas huwa ta' €8 li jinkludi trasport, te jew kafe u sandwiches.

***Nifirħu lil P. Michael Farrugia O.Carm li reġa ġie maħtur Provinċjal mill-ġdid u lill-Kunsillieri, P. Sandro Vella O.Carm, P. Alex Scerri O.Carm, P. Maurice Abela O.Carm u P. Charles Mallia O.Carm.***

***P. Alex Scerri O.Carm ġie maħtur direttur nazzjonali tat-Terzjarji***